

# Santa Giovanna Antida Thouret u s-Sorijiet tal-Karità f'Birżebbuġa

**Conrad D'Amato**

*Għaqda Storja u Kultura*

Nhar is-26 ta' April ta' l-1933 (75 sena ilu) il-kappillan Dun Anġ Fenech kien għamel rikors sabiex jinfetaħ kunvent tas-sorijiet tal-Karità sabiex ikunu jistgħu jgħallmu lit-tfal subien u bniet tal-parroċċa. Is-sorijiet ta' din l-Ordni kienu ġew Birżebbuġa wara li fl-10 ta' Mejju ta' l-1933 kien inħareġ id-digriet mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Sentejn wara konna nsibu dawn is-sorijiet joqogħdu f'terran eżatt maġenb il-knisja tal-Duluri (f'dak iż-żmien kienet il-parroċċa) wara talba li kien għamel il-kappillan Fenech nhar is-16 ta' Awissu ta' l-1935, liema talba ġiet aċċettata dakinhar stess.



Santa Giovanna Antida Thouret
Fundatriċi tas-sorijiet tal-karità

Wara xi snin jgħixu f'dar fi Triq il-Kurat Fenech, kien inbena l-kunvent preżenti. Nhar it-13 ta' April ta' l-1953 il-Provinċjala ta' l-Ordni Sr. Geltrude Rosa Vicari ppreżentat rikors lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi sabiex l-Ordni takkwista biċċtejn art wara l-knisja parrokkjali ta' San Pietru. Dan il-kunvent inbena fuq pjanta tal-Perit Ugo Mallia u l-bennej kien Mastru Salvu Calleja. Il-Kunvent laqa' fih l-ewwel komunità ta' sorijiet fl-1954. Hu mibni fuq stil li jikkumplimenta l-knisja parrokkjali u fih kappella ddedikata lis-Sagra Familja. L-inkwadru titulari li nsibu f'din il-kappella hu wieħed ferm antik u kien inġieb mill-kappella tas-Sorijiet tal-Karità li hemm f'Ħal Tarxien. Isem marbut ma' din il-kappella hu dak tal-Monsinjur Guzeppi Minuti li kien ta' kuljum iqaddes fiha minn meta temm il-ħidma tiegħu ta' kappillan ta' Birżebbuġa fl-1978 sa ma miet fl-2003. Illum il-quddies f'din il-kappella jsir minn Dun Benjamin Camilleri

Bejn it-12 u t-18 ta' Novembru ta' l-1998 fil-parroċċa tagħna lqajna r-relikwa ta' Santa Giovanna Antida Thouret li kienet il-fundatriċi tas-sorijiet tal-karità, f'għeluq il-200 sena mill-mewt tagħha. Din ir-relikwa kienet għal xi żmien f'pajjiżna ddur l-irħula kull fejn hemm kunvent ta' din l-Ordni. Ir-relikwa tal-qaddisa waslet f'Birżebbuġa nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru u tqiegħdet fil-kappella tal-kunvent. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija saret transulazzjoni b'din ir-relikwa mill-kunvent, niżlet minn Triq il-Kurat Fenech, daret id-dawra taz-zuntier u daħlet fil-knisja parrokkjali. It-transulazzjoni kienet immexxija mill-kappillan Dun Ġużepp Farrugia akkumpanjata minn bosta Scouts, Girl Guides, abbatini u mill-Fratellanza tas-Sagrament. Tul il-purċissjoni sar talb lil din il-qaddisa u tkanta l-innu li kienet kitbet il-qaddisa stess. Wara saret quddiesa li tmexxiet minn Dun Charles Carabott.



Il-Fratelli tas-Sagrament fil-kappella tal-kunvent waqt it-translazzjoni bir-relikwa ta' Santa Giovanna Antida



Is-Sorijiet fil-gallarija fl-ewwel kunvent li kellhom maġenb il-knisja



Il-Fratelli tas-sagrament fi tmim it-tmiem it-translazzjoni fil-knisja Parrokkjali.



Il-kunvent tas-sorijiet illum

Tul il-ġimgħa li damet fostna kien ġie mħejji programm ta' talb tul il-ġranet kollha. Il-knisja parrokkjali kienet ġiet armata kif jixraq u fost l-armar



kien intrama inkwadru kbir bi xbieha ta' din il-qaddisa fil-ġenb ta' l-artal maġġur, in-naħa ta' l-artal tal-Kurċifiss. Il-programm u ż-żjara ġew fi tmiemhom nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru, fejn saret quddiesa fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Wara, ir-relikwa ta' din il-qaddisa ħalliet il-parroċċa ta' Birżebbuġa u marret fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop.


Scissor Happy
Hairstylist
Duncan Paul
Scissor Happy
St. Thomas Street, B'Bugia
Tel: 21 658 763

The Right Spot
26, Pretty Bay,
Birżebbuġa BBG 02
Tel: 2165 1215
Ladies' Footwear

De Fonseca
DIADORA